# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 30**

**Rikors numru 558/2015 SM**

**Wara s-sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu 1992 fil-kawża fl-ismijiet:**

**George Żammit għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Euch. Zammit & Sons Ltd. (C – 1900)**

**v.**

**Michael Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Fenech Oil and Petroleum Co. Ltd. (C – 2612)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija intimata minn digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejjaħ il-"provvediment appellat") u kif ukoll mid-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Novembru, 2015, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (minn issa 'l hemm

imsejħa "d-deċiżjoni appellata") fil-kawża ta' eżekuzzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija. Bis-saħħa tal-provvediment appellat, l-ewwel Qorti ċaħdet talba tal-kumpanija appellanti (minn issa 'l hemm imsejħa "FOPCOL") magħmula bir-rikors tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2015, biex titħalla tressaq Risposta biex tikkontesta t-talba tal-kumpanija appellata (minn issa 'l hemm imsejħa "EZSL") u biex sadattant dik il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tad-deċiżjoni. Id-deċiżjoni appellata laqgħet it-talba ta' EZSL biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta' Marzu, 1992[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, kienet awtoriżżat lil EZSL teżegwixxi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' April, 1981, fil-kawża fl-istess ismijiet. B'dik is-sentenza, EZSL kienet kanoniżżata kreditriċi ta' FOPCOL fis-somma ta' tlitt elef tmien mija u ħames Liri Maltin, tmenin ċenteżmi u ħames milleżmi (Lm 3,805.80,5)[2];

2. Illi l-ewwel Qorti għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet biex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> *"2. Sodisfatta li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata skont il-liġi (ara foll 38, 39 u 42);*
>
> *"3. Tirrileva li nonostante d-debita notifika, l-istess soċjetà intimata kif rappreżentata baqgħet fi stat ta' kontumaċja;*
>
> *"4. Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti jikkonferma bil-ġurament tiegħu ix-xorta tad-dejn li tiegħu qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tiegħu, liema dejn jirriżulta għalhekk li għadu dovut, u dan, ai termini ta' l-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (ara foll 46);*

[1] Ċitazz. Nru. 1200/88AM (Ara Dok "A", f'paġġ. 3 – 7 tal-proċess)
[2] Li jġibu € 8865.14 fi flus tallum

> *"5.0 In vista tal-premess din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti nomine pprova l-każ tiegħu skont il-liġi …*";

3. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fis-16 ta' Novembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, FOPCOL talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar d-degriet appellat u kif ukoll id-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata;

4. Bi Tweġiba mressqa minnha fl-4 ta' Diċembru, 2015, EZSL laqgħet għall-appell ta' FOPCOL billi, b'mod preliminari, qajmet il-kwestjoni tal-irritwalita` tal-istess appell. Tgħid li minn deċiżjonijiet li jawtoriżżaw l-eżekuzzjoni mill-ġdid ta' titolu eżekuttiv (sentenza, f'dan il-każ), ma jingħatax jedd ta' appell. Minbarra dan, fil-mertu, laqgħet billi warrbet l-aggravji tal-appellanti u qalet li kemm id-degriet appellat u kif ukoll id-deċiżjoni appellata kienu mistħoqqa u kellhom ikunu konfermati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra FOPCOL;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-3 ta' Novembru, 2020;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi dan l-appell jirrigwarda deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti li bis-saħħa tagħha reġgħet irrendiet eżegwibbli sentenza li kienet ingħatat snin qabel minħabba li għadda ż-żmien maħsub fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. FOPCOL appellat kemm minn provvediment li bih l-ewwel Qorti ċaħditilha t-talba tagħha li titħalla tressaq Risposta għat-talba ta' EZSC biex tirrendi s-sentenza eżegwibbli mill-ġdid, u kif ukoll mid-deċiżjoni nnifisha li biha l-ewwel Qorti awtorizzat dik l-eżegwibilita`;

9. Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel ma tqis l-aggravji ta' FOPCOL, għandha fl-ewwel lok tqis il-**preġudizzjali tas-siwi tal-appell** imqanqla minn EZSC. F'dan ir-rigward, EZSC tgħid (i) li l-liġi ma tagħti l-ebda jedd ta' appell minn deċiżjoni bħal dik appellata; (ii) li deċiżjoni bħal dik li minnha tressaq l-appell m'hijiex sentenza, imma degriet; u (iii) li d-deċiżjoni lanqas hija degriet interlokutorju li minnu jista' jitressaq appell;

10. Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-fatt li l-proċedura maħsuba mil-liġi taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 titressaq b'rikors u mhux b'rikors maħluf, ma jġibx b'daqshekk biss nuqqas ta' jedd ta' appell minn xi deċiżjoni mogħtija taħt dak l-artikolu. Hemm bosta ċirkostanzi fejn il-liġi titlob il-proċedura

ta' rikors "sempliċi" li minn deċiżjoni tagħha jingħata jedd ta' appell[3] u li dan il-jedd jintuża bla xkiel b'mod regolari. Fit-tieni lok, wieħed ma jridx jinsa li, qabel ma saru l-bidliet fil-Kodiċi bl-Att XXIV tal-1995, il-proċediment preskritt biex wieħed jitlob l-eżegwibilita` mill-ġdid ta' titolu eżekuttiv kien bil-mezz tal-Att taċ-Ċitazzjoni, li huwa l-mod ordinarju ta' proċedura kontenzjuża fl-ewwel istanza u li, awtomatikament, minn deċiżjoni minnu jingħata l-jedd ta' appell. Dan ifisser li tali proċediment dejjem kien iġib miegħu l-jedd ta' appell favur il-parti aggravata. Meta ddaħħlu l-bidliet fil-Kodiċi dwar din l-għamla ta' proċediment, imkien ma ngħad li l-jedd tal-appell kien qiegħed jitneħħa. Fit-tielet lok, l-appellata ma ssemmix li l-Kodiċi fih ukoll dispożizzjonijiet li jgħidu meta ma jingħatax il-jedd ta' appell[4], u l-proċeduri mnedija taħt l-Artikolu 258 m'hijiex fost dawk il-proċeduri. Fir-raba' lok, tant jidher li jeżisti l-jedd ta' appell minn proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258, li l-Kodiċi nnifsu jipprovdi li f'ebda każ, l-appell minn sentenza li tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' sentenza oħra, ma jwaqqaf l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza l-oħra[5];

11. Illi, minbarra dan, il-Qorti ma jidhrilhiex li EZSC tgħid sewwa li d-deċiżjoni appellata kienet degriet. Id-distinzjoni fil-liġi bejn degriet u sentenza għadha tiswa sallum il-ġurnata[6]. Minbarra l-għażla tradizzjonali

[3] Ara, b'eżempju, l-proċedura tar-Ritassa taħt l-artikolu 64 u dik tal-kontestazzjoni ta' jeddijiet favur il-Gvern taħt l-artikolu 466(2) tal-Kap 12
[4] Ara, b'eżempju, l-artt. 35, 27, 227, 228, 468(7), 762(4) u 836(5) tal-Kap12 fost oħrajn
[5] Art. 269 tal-Kap 12
[6] Ara, b'eżempju, App. Inf. PS **10.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Francis Portanier noe et v. George Micallef***

bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk jagħlqux jew le l-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. Huwa maqbul b'awtorita` li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet[7]. Kif ingħad b'awtorita`[8] wkoll, dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittivita` tagħha (fis-sens ta' *quando terminat negotium de quo agitur*), u tista' tkun ta' żewġ għamliet: jew li taqta' il-meritu tal-kwestjoni, jew li teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' fil-kawża. Min-naħa l-oħra, id-degrieti ma jtemmux il-kwestjoni u jingħataw matul is-smigħ tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwestjonijiet anċillari. L-iżjed karatteristika ewlenija fid-degriet hija li ma jikkostitwix ġudikat għall-qorti li tkun tagħtu[9], għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'sentenza[10]. Kien ukoll meqjus li, ġeneralment, meta f'provvediment il-Qorti tirriżerva l-kap tal-ispejjeż għal stadju ieħor, dan ikun sinjal ċar li dak il-provvediment ikun degriet u mhux sentenza[11]. Minbarra dan, il-fatt li l-provvediment huwa motivat ma jibdlux b'daqshekk f'sentenza: l-ebda parti tal-liġi ma tgħidx li degriet ma jibqax tali jekk titniżżel fih ir-raġuni għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik il-fehma tagħha.

---

[7] Ara Prof. Caruana <u>Notes on Civil Procedure</u> paġ. 1419; Mattirolo <u>Diritto Giudiziario</u>, Vol. IV, pp 16 – 7; u Mortara <u>Digesto Italiano</u> Vol XXI (*voce " Sentenza Civile"*), paġġ. 450 ff.
[8] App. Ċiv. **29.4.1925** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Borġ Olivier*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.115**)
[9] Art. 230 tal-Kap 12
[10] App. Ċiv. **27.10.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Pace Axiak vs Caruana*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.582**)
[11] Ara art. 223(2) tal-Kap 12

Min-naħa l-oħra, dak li jiswa m'hijiex l-għamla jew id-dettal tal-provvediment daqskemm in-natura tad-dispożittiv tiegħu;

12. Illi jekk wieħed iqis dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u japplikahom għad-deċiżjoni appellata, ma għandux ikun hemm wisq dubju li dak li FOPCOL appellat minnu huwa sentenza u mhux degriet. Dan jingħad l-aktar għaliex il-Qorti li tat l-imsemmija deċiżjoni ma tistax terġa' lura minnha u wkoll għaliex il-kwestjoni bejn il-partijiet ingħalqet mal-għoti ta' dik id-deċiżjoni. Huwa magħruf li fi proċedura maħsuba taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sentenza li tagħha tintalab l-eżegwibilita` mill-ġdid tibqa' titqies bħala ġudikat[12], u li l-provvediment li jingħata biex jirrendiha eżegwibbli mill-ġdid huwa, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, sentenza[13]. Fl-aħħarnett, din il-Qorti tosserva li fir-rikors li bih infetħet din il-kawża EZSC innifisha tindika bħala "sentenza" id-deċiżjoni li hija talbet l-eżekuzzjoni tagħha sewwasew b'din il-proċedura tagħha tallum;

13. Illi għaldaqstant, il-Qorti twarrab il-preġudizzjali ta' EZSC dwar in-nuqqas ta' siwi tal-appell fuq din ir-raġuni bħala waħda infondata fil-fatt u fid-dritt;

---

[12] App. Ċiv. **5.10.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Falzon noe et v Joseph Vella et*** (mhix pubblikata)

[13] Ara App. Kumm. **11.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Bonniċi noe v Paul Ċilia et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.885**); App. Ċiv. **29.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***John Portelli noe v Henry Azzopardi pro et noe*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **27.9.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur tal-Kuntratti et v Joseph Spiteri***

14. Illi l-Qorti tgħaddi biex tqis **l-aggravji** ta’ FOPCOL u tibda mit-**tieni aggravju** tagħha relattiv għall-provvediment appellat tat-30 ta’ Ottubru, 2015, li bih l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tagħha li tħalliha tressaq Risposta għar-Rikors ta’ EZSC u li tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tad-deċiżjoni fuq dak ir-Rikors. Dan l-aggravju jinqasam taħt żewġt irjus: l-ewwel wieħed jitkellem dwar in-nuqqas ta’ siwi tan-notifika, filwaqt li t-tieni wieħed jgħid li, bis-saħħa tal-provvediment appellat, l-ewwel Qorti ċaħħdet lil FOPCOL mit-tgawdija tal-jedd fundamentali tagħha għal smigħ xieraq;

15. Illi dwar l-ewwel parti ta’ dan it-tieni aggravju, FOPCOL tgħid li dak il-provvediment ingħata fuq motivazzjoni ħażina taħt il-presuppost li n-notifika tal-atti lil FOPCOL kienet saret kif titlob il-liġi u billi l-proċedura tallum ma kinitx waħda bir-rikors ġuramentat, ma kienx hemm lok li l-ewwel Qorti tqisha bħala parti kontumaċi jew li ċċaħħadha milli tikkontesta t-talba ta’ EZSC ladarba l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ma jqiegħed l-ebda terminu lill-parti eżekutata sakemm għandha tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

16. Illi mill-atti jirriżulta li r-rikors kien tressaq minn FOPCOL fid-19 ta’ Ottubru, 2015[14], disat ijiem wara li l-ewwel Qorti kienet ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni. Ir-raġuni ewlenija li FOPCOL ġabet biex sejset it-talbiet

[14] Paġġ. 47 – 8 tal-proċess

tagħha f'dak ir-rikors kienet li n-notifika lilha tal-atti ma kinitx tajba u kif titlob il-liġi. Fid-degriet appellat, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba billi qalet li "*tirrileva li stante li n-notifika tar-rikors ġuramentat promotur u ta' l-avviż de quo kienu debitament skont il-liġi, tiċħad it-talba*". Mill-atti joħroġ ukoll li FOPCOL kienet laqgħet in-notifika tal-atti tar-rikors promotur bil-proċedura tal-pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern fit-22 ta' Settembru, 2015[15], u f'ġurnal lokali fid-29 ta' Settembru, 2015[16] u tal-affissjoni fis-17 ta' Settembru, 2015[17];

17. Illi EZSC ma ressqet l-ebda kumment għal dan l-aggravju;

18. Illi l-Qorti jidhrilha li, safejn il-provvediment appellat kien jitkellem dwar in-notifika, joħroġ ċar li l-atti li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienu juru li tassew li FOPCOL kienet notifikata bil-meżż tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni sa minn jiem qabel is-smigħ li fih dik il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' rappreżentant ta' EZSC u ħalliet il-kawża għas-sentenza. Il-fatti allegati minn FOPCOL dwar jekk in-notifika saritx sewwa jew jekk kellhiex żmien biżżejjed biex tidher quddiem l-ewwel Qorti wara li ntebħet bl-affissjoni mal-bieb tas-sede tagħha kienu biss allegazzjoni. Ta' min jgħid li r-rikors li FOPCOL ressqet fid-19 ta' Ottubru, 2015, lanqas biss kien

[15] Paġ. 39 tal-proċess
[16] Paġ. 42 tal-proċess
[17] Paġ. 38 tal-proċess

maħluf minn min ressqu u allura l-ewwel Qorti setgħet tagħżel li ma toqgħodx fuq il-kontenut tiegħu bħala prova mressqa;

19. Illi safejn il-provvediment appellat ma messux ingħata ladarba l-proċedura tallum ma tistipula l-ebda terminu biex titressaq tweġiba għal talba biex titolu eżeluttiv jerġa' jingħata l-eżegwibilità, il-Qorti tqis li dan l-aggravju lanqas ma huwa mistħoqq. Huwa minnu li fid-degriet appellat l-ewwel Qorti wżat il-kliem "rikors ġuramentat promotur". Dan ma sarx għaliex il-Qorti m'għarfitx li l-proċedura li kellha quddiemha ma kinitx dik maħsuba fl-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda għaliex tabilħaqq li r-rikors imressaq minn EZSC kien wieħed maħluf (minn rappreżentant tagħha Joseph Żammit), kif tixhed l-intestatura fl-ewwel paġna tal-atti u kif jidher ukoll mit-timbru tal-Attwarju fit-tieni paġna. U jekk FOPCOL – bħalma qalet hija stess fir-rikors tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2015 – sabet kopja tar-rikors promotur imwaħħal mal-bieb tas-sede tagħha, ma setgħetx ma ntebħitx hija wkoll x'kien l-għamla ta' att li kienet notifikata bih. Hawnhekk ukoll, il-provvediment appellat ma jonqos minn xejn, għaliex in-notifika kienet saret u, sa dakinhar li l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni, FOPCOL la kienet dehret quddiem il-Qorti u lanqas kienet ressqet kontestazzjoni formali għat-talba ta' EZSC;

20. Illi għal dak li jirrigwarda <u>t-tieni fergħa tat-tieni aggravju</u> ta' FOPCOL dwar ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, FOPCOL tgħid li ċ-ċaħda li

titħalla tressaq ir-Risposta għat-talba ta' EZSC kienet tikkostitwixxi ksur fid-dieher tal-jedd tagħha li ssemma' leħinha u tressaq il-kontestazzjonijiet li wħud minnhom kienu "ta' ordni pubbliku". Hija żżid tgħid li l-ksur li ġarrbet huwa akbar minħabba l-fatt li l-liġi ma tagħti l-ebda żmien lill-parti eżekutata intimata sakemm hija tista' tressaq il-kontestazzjoni tagħha għat-talba tal-parti li trid tirrendi eżegwibbli mill-ġdid xi titolu eżekuttiv li kienet tgawdi;

21. Illi għal din il-parti tal-aggravju EZSC tilqa' billi tgħid f'din l-għamla ta' proċedura taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 ma jiġi determinat l-ebda dritt jew obbligu ġdid u dik il-proċedura hija maħsuba biss biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid titolu li jkun għadda minn fuqu ż-żmien;

22. Illi l-Qorti ssib li lanqas din il-parti tal-aggravju ma hija mistħoqqa. Fl-ewwel lok, u b'mod partikolari, huwa aċċettat illi għalkemm f'att ġudizzjarju jsiru riferenzi għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha magħduda dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda tgħid li proċeduri li jinbdew quddiemha għandhom jitqiesu li huma proċeduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor. Fuq kollox, il-Qorti tqis li l-azzjoni "ordinarja" ta' eżekuzzjoni mill-ġdid ta' titolu eżekuttiv u dik

straordinarja ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jmorrux flimkien;

23. Illi, fit-tieni lok, FOPCOL kellha u fil-fatt inqdiet bir-rimedju li tappella mill-provvediment appellat u għalhekk il-jedd tagħha ta' smigħ xieraq kien imħares. Il-fatt li din il-Qorti ma laqgħetx l-appell tagħha dwar dak il-provvediment ma jfissirx li hija ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq. Fit-tielet lok, għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tagħti l-ebda terminu li fih il-parti intimata eżekutata f'azzjoni taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 trid (jekk tabilħaqq trid) tressaq Risposta, ma jfissirx li biex "jingħata l-jedd ta' smigħ xieraq" dik il-parti intimata tagħżel hi meta u f'liema waqt għandha tressaq Risposta bħal dik. Mill-atti joħroġ ċar li FOPCOL kien ilha minn Settembru li laqgħet in-notifika tal-atti (minbarra li kienet interpellata u notifikata minn qabel b'atti ġudizzjarji fl-2010 u fl-2015[18] bil-pretensjonijiet kanonizzati ta' EZSC) u ressqet ir-rikors għas-sospensjoni tal-għoti tas-sentenza biss wara li l-kawża kienet instemgħet u diġa` tħalliet għas-sentenza. Fir-raba' lok, din il-Qorti tosserva li, fi proċedura bħal din taħt l-imsemmi Artikolu 258, il-liġi lanqas ma tipprovdi li għandha ssir xi notifika u wisq anqas li jingħata smigħ qabel ma qorti tgħaddi biex tara jekk għandhiex tilqa' it-talba tal-eżekutant biex it-titolu eżekuttiv jerġa' jingħata saħħa eżekuttiva[19];

[18] Dokti "EZ2" u "EZ3", f'paġġ. 79 sa 86 tal-proċess
[19] P.A. RCP **18.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c. v John Dalli et*** (appell minnha mar deżert)

24. Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li l-aggravju ta' FOPCOL, taħt l-ebda wieħed miż-żewġ fergħat tiegħu, dwar il-provvediment appellat huwa mistħoqq u mhix se tilqgħu;

25. Illi l-**ewwel aggravju għad-deċiżjoni appellata** FOPCOL jitlob in-nullita` tad-deċiżjoni appellata. Hija tgħid li l-ewwel Qorti lanqas biss semmiet il-provvediment appellat u, minfuq, qalet li l-intimata kienet "baqgħet fi stat ta' kontumaċja" meta dan ma kien minnu xejn. Hija tqis li dan in-nuqqas min-naħa tal-ewwel Qorti jikser dak li jitlob l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

26. Illi għal dan l-aggravju EZSC twieġeb billi tgħid, fl-ewwel lok, li ladarba d-deċiżjoni appellata m'hijiex sentenza, allura wieħed ma jistax jitkellem dwar in-nullita` tagħha. F'kull każ, il-proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta lanqas titlob li għandha ssir in-notifika tal-parti li kontra tagħha tintalab l-eżegwibilita` mill-ġdid ta' titolu eżekuttiv, u għalhekk il-kostatazzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-"kontumaċja" ta' FOPCOL ma tista' bl-ebda mod tħassar is-siwi tad-deċiżjoni appellata. Fl-aħħarnett, il-fatt li qorti ma ssemmix f'sentenza l-kontenut ta' provvediment li jiċħad talba għas-sospensjoni tal-għoti ta' sentenza ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' siwi ta' sentenza;

27. Illi l-liġi titlob li f'sentenza għandhom jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha u li għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Ma hemmx dubju li din il-ħtieġa tħares wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ħaqq naturali li jitlob li kull sentenza jew deċiżjoni tkun motivata u turi għaliex tkun ingħatat deċiżjoni u mhux oħra, b'mod partikolari f'kawża fejn il-partijiet ikunu ħadu pożizzjonijiet li ma jaqblux;

28. Illi l-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' is-sejħa ta' nullita` ta' sentenza jeħtieġ li min jallega dan juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimita` tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux ('*extra petita*') jew dwar aktar minn dak li ntalab ('*ultra petita*') jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq[20]. Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li safejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata[21], l-eċċezzjoni tan-nullita` tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha;

---

[20] Art. 790 tal-Kap 12
[21] App. Ċiv. **7.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia v Manager Water Works Department*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.446**)

29. Illi fost l-elementi li s-sentenzi għandu jkollhom għas-siwi tagħhom, il-liġi ssemmi li l-parti operattiva ta' sentenza għandha tinkludi t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu maqtugħa u kull dikjarazzjoni maħsuba biex tkun konklussiva jew li torbot[22];

30. Illi l-Qorti jidhrilha li l-ewwel argument imressaq minn EZSC biex tirribatti l-aggravju ma huwiex tajjeb u dan għar-raġunijiet li l-Qorti tat aktar qabel dwar in-natura tad-deċiżjoni appellata[23] u li m'għandhiex għalfejn ittawwal aktar fuq din il-ħaġa;

31. Illi l-Qorti jidhrilha wkoll li ma hemm l-ebda nuqqas fid-deċiżjoni appellata li jġib in-nullita` tagħha għar-raġuni biss li ma ssemmix il-provvediment appellat u lanqas ir-raġuni għaliex FOPCOL tqieset bħala kontumaċi. Ta' min jgħid li l-provvediment appellat kien ingħata jiem qabel ma ngħatat id-deċiżjoni appellata u ma kellux għalfejn jerġa' jissemma f'dik id-deċiżjoni. Huwa minnu wkoll li bis-saħħa tal-provvediment appellat, FOPCOL tqieset bħallikieku naqset li tressaq kontestazzjoni għat-talba ta' EZSC u huwa f'dan is-sens li l-ewwel Qorti qieset lil FOPCOL bħala "kontumaċi". Fi kliem ieħor, l-ewwel Qorti mxiet konsistentement mal-provvediment appellat meta ma semmietx x'kienu l-kontestazzjonijiet ta' FOPCOL, u dan minkejja li dik il-Qorti ma ordnatx it-

[22] Artt. 23 u 219 tal-Kap 12
[23]§§ 10 – 2 *supra*

tneħħija mill-atti (sfilz) tar-risposta mehmuża mar-rikors li dwaru ngħata l-provvediment appellat. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tarax b'liema mod jista' jingħad li d-deċiżjoni appellata tintlaqat b'nullita`;

32. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju ma jidhirx mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

33. Illi t-**tielet aggravju** ta' FOPCOL jinqasam ukoll f'żewġ fergħat: l-ewwel joħroġ mill-aċċettazzjoni min-naħa tal-ewwel Qorti li l-pretensjonijiet ta' EZSC kienu mistħoqqa, filwaqt li t-tieni wieħed jirrigwarda l-kwestjoni li parti mill-pretensjonijiet ta' EZSC dwar il-kreditu tagħha kanonizzat kien waqa' bil-preskrizzjoni;

34. Illi <u>fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju</u>, FOPCOL tgħid li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt taċċetta l-ammont imsemmi minn EZSC fil-prospett mehmuż mar-rikors promotur, meta kien ċar li l-biċċa l-kbira minnu kien magħmul minn imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet li kienu jaqbżu sewwa l-kapital kanonizzat. B'hekk, hija tgħid li EZSC kienet qegħda titlob eżekuzzjoni ta' titolu fuq is-saħħa ta' imgħaxijiet *ultra duplum*. Fi kliem FOPCOL, din kienet il-kontestazzjoni ewlenija li hija riedet tressaq quddiem l-ewwel Qorti (kieku ħallietha tagħmel dan) kontra t-talba ta' EZSC;

35. Illi għal dan l-aggravju EZSC tilqa' billi tgħid li kwestjoni bħal din ma kienx hemm lokha fi proċedura taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mingħajr ħsara għal dan, iżżid tgħid li r-regola kontra li jintalab il-ħlas ta' imgħax akbar mil-kapital ma tgħoddx f'każ ta' somom kanonizżati f'sentenza. Dan minbarra l-fatt li, l-imgħaxijiet li hija għadha tippretendi mingħand FOPCOL m'humiex imgħaxijiet fuq l-imgħax, imma mgħax sempliċi;

36. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li fi proċedura taħt l-Artikolu 258, il-Qorti li tintalab tawtorizza mill-ġdid l-eżegwibilita` ta' titolu li jkun għadda ż-żmien minn fuqu mhijiex mitluba li terġa' tikkanonizza tali kreditu[24]. Azzjoni bħal din m'hijiex maħsuba li ssir biex toħloq kanonizzazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li tarġa' tgħajjex titolu eżekuttiv li jkun għadda żmien minn fuqu[25]. Minkejja dan, minħabba li xi drabi xi parti mill-kreditu li jkun ġie kanonizzat oriġinarjament f'titolu eżekuttiv ikun tħallas matul iż-żmien li dak it-titolu jkun għadu eżegwibbli, jista' jagħti l-każ li f'azzjoni bħal din (x'aktarx minħabba l-kontestazzjoni tal-parti eżekutata) isir aċċertament dwar l-ammont mill-kreditu li jkun għadu dovut meta t-titolu jerġa' jsir eżegwibbli;

---

[24] P.A. PS **24.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***George Paċe v Charles Gauċi*** (mhix appellata)
[25] P.A. MCH **9.3.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Ċiantar noe v Carmelo Żammit*** (mhix appellata)

37. Illi, fit-tieni lok, id-deċiżjoni appellata ma ikkanonizzat l-ebda ammont u lanqas fil-parti dispożittiva tagħha ma jissemma xi ammont. Kulma għamlet l-ewwel Qorti kien li ikkostatat li kien għadda ż-żmien minn fuq is-sentenza li kkanonizzat id-dejn li FOPCOL kellha ma' EZSC u li dak id-dejn ma kienx tħallas kollu. Hekk kellha tagħmel l-ewwel Qorti u hekk sar. Fit-tielet lok, l-aggravju ta' FOPCOL dwar il-mixi tal-imgħax ukoll mhuwiex tajjeb. F'dan il-każ, intwera li l-imgħax li EZSC titlob huwa mgħax sempliċi. Iżda wkoll jekk tali mgħax jaqbeż il-kapital dovut, ir-regola tal-*ultra duplum* mhix ta' xkiel għall-eżiġibilita` tiegħu, sewwasew għaliex il-kreditu ta' EZSC kontra FOPCOL huwa kanonizzat b'sentenza li saret ġudikat[26];

38. Illi għal dak li jirrigwarda t-<u>tieni parti tat-tielet aggravju</u> FOPCOL tgħid li, f'kull każ, parti mill-kreditu (l-imgħaxijiet) waqa' bil-preskrizzjoni tal-ħames (5) snin taħt l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Hija tgħid li ma huwiex sewwa li fuq kreditu kanonizzat b'sentenza l-imgħax jibqa' "jiddekorri *ad infinitum* (bla) ma jkun soġġett għat-trapass taż-żmien li jestingwi l-azzjoni għall-ħlas";

39. Illi EZSC tilqa' għal din il-parti tal-aggravju billi tgħid li l-imgħaxijiet li qegħda tippretendi joħorġu bis-saħħa ta' sentenza u għalhekk ma jintlaqtux bi żmien preskrittiv;

---

[26] Ara App. Ċiv. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. v Carmelo Farrugia Melfar Ltd.*** § 13

40. Illi l-Qorti tqis li din il-parti tal-aggravju ma hijiex tajba. Tibda biex tgħid li kieku FOPCOL qagħdet għas-sentenza li kkanonizzat lil EZSC bħala kreditriċi tagħha u ħallset dejnha bla tnikkir, ma kienx jinġema' l-imgħax pretiż u lanqas ma kien ikun hemm bżonn tal-proċedura tallum. Minbarra dan, l-imgħax mitlub minn EZSC joħroġ mis-saħħa tat-titolu eżekuttiv maħluq b'sentenza minħabba li, f'dak il-każ, EZSC kienet talbet espressament l-imgħaxijiet u l-istess imgħaxijiet huma aċċessorji tad-dejn ewlieni. Għalhekk, iż-żmien preskrittiv mhuwiex dak imsemmi minn FOPCOL, imma ieħor itwal li jgħodd għal atti pubbliċi[27]. Dak iż-żmien ma kienx skada meta EZSC fetħet din il-proċedura. F'dan ir-rigward ingħad ukoll li sentenza li terġa' tawtorizza l-eżegwibilita` ta' titolu eżekuttiv tikser iż-żmien preskrittiv[28], għalkemm ma toħloqx novazzjoni. Għalkemm hemm fehma fid-duttrina li l-imgħaxijiet li jinġemgħu wara l-għoti ta' sentenza li tikkanonizza kreditu m'għandhomx jitqiesu l-istess bħall-imgħaxijiet fuq kreditu kanonizzati b'sentenza[29], f'dan il-każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni kontra l-imgħaxijiet li nġemgħu wara l-għoti tas-sentenza li kkanonizzat il-kreditu jew kienu sospiżi minħabba ż-żewġ proċeduri mnedija minn EZSC biex jirrendu eżekuttiva mill-ġdid is-sentenza li ngħatat f'Marzu tal-1992, jew interrotti bis-saħħa tal-

[27] App. Ċiv. **5.3.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin v Agostino*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.424**) u Kumm. GS **19.10.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Aġius et v Joseph Farruġia*** (mhix pubblikata)
[28] Kumm. **12.11.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et v Darmanin*** (Kollez. Vol: **XV.290**)
[29] Ara Kumm. **17.6.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Magri v Borġ Grech et noe*** (Kollez. Vol: **XXXI.iii.276**)

interpellazzjonijiet ġudizzjarji li ntbagħtu u kienu notifikati lil FOPCOL u li ssemmew aktar qabel[30];

41. Illi għalhekk il-Qorti ssib li dan l-aggravju, taħt iż-żewġ fergħat tiegħu, m'huwiex tajjeb u ma jistħoqqlux jintlaqa';

**Decide:**

42. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell tal-kumpanija intimata appellanti billi:

**Tiċħad kemm l-appell** dwar il-provvediment mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2015, u **kif ukoll l-appell** mis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru, 2015, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan bl-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-kumpanija intimata appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[30] § 23 *supra*